

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI

Sejħa għall-proposti 2009 Programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” (2007-2013)**Implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-programm: Ċittadini Attivi għall-Ewropa, Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa u Tifkira Ewropea Attiva**

(2009/C 322/07)

INTRODUZZJONI

Din is-sejħa għall-proposti hija bbażata fuq id-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi l-programm Europe for Citizens għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinza Ewropea attiva ⁽¹⁾. Il-kundizzjonijiet dettaljati ta' din is-sejħa għall-proposti huma disponibbli fil-Gwida tal-Programm għall-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” li hija ppubblikata fuq is-sit elettroniku Europa (ara punt VIII). Il-gwida għall-programm tikkostitwixxi parti integrali ta' din is-sejħa għall-proposti.

I. Obiettivi

Il-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” għandu l-obiettivi speċifiċi li ġejjin:

- jitlaqqgħu flimkien nies minn komunitajiet lokali minn madwar l-Ewropa sabiex jikkondividu u jiskambjaw esperjenzi, opinjonijiet u valuri, sabiex jitgħallmu mill-istorja u jibnu għall-ġejjieni,
- jitravmu azzjoni, dibattitu u riflessjoni relataxi maċ-ċittadinanza Ewropea u d-demokrazija, valuri kondi-viżi, storja u kultura komuni permezz ta' kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell Ewropew,
- l-Ewropa tinġieb eqreb taċ-ċittadini tagħha permezz tal-promozzjoni tal-valuri u l-kisbiet tal-Ewropa, fil-waqt li tinżamm il-memorja tal-imgħoddi tagħha,
- tiġi mħeġġa l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-pajjiżi parteċipanti koliha, filwaqt li jkun hemm kontribut għad-djalogu interkulturali u tingħata prominenza kemm lid-diversità kif ukoll lill-għaqda tal-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għall-attivitajiet immirati lejn l-iżvilupp ta' rabtiet eqreb bejn iċ-ċittadini mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif kostitwita fit-30 ta' April 2004 u dawk l-Istati Membri li ssiehu minn dak iż-żmien 'il hawn.

II. Applikanti eliġibbli

Il-Programm huwa miftuħ għall-promoturi kollha stabbiliti f'wieħed mill-pajjiżi parteċipanti fil-programm u li huma:

- entità pubblika, jew
- organizzazzjoni mhux bi skop ta' lukru li jkollha status ġuridiku (personalità ġuridika).

Madankollu, kull azzjoni tal-Programm għandha fil-mira medda aktar speċifika ta' organizzazzjonijiet. L-eliġibilità tal-organizzazzjonijiet applikanti għalhekk hija definita fil-Gwida għall-Programm b'mod speċifiku għal kull miżura/sottomiżura.

⁽¹⁾ ĠU L 378, 27.12.2006, p. 32.

Il-pajjiżi eliġibbli skont dan il-programm huma:

- l-Istati Membri tal-UE, ⁽¹⁾
- il-Kroazja,
- L-Albanija,
- Dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslavtal-Maċedonja (FYROM).

III. Azzjonijiet eliġibbli

Il-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” jappoġġja proġetti li jipromwovu ċittadinanza Ewropea attiva.

Din is-sejħa tkopri l-azzjonijiet segwenti tal-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini”:

Azzjoni 1 (Ċittadini Attivi għall-Ewropa)

Miżura 1 Ġemellaġġ bejn l-ibliet

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew iħeġġu skambji diretti bejn ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet.

Miżura 1.1. Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet

Din il-miżura hija mmirata lejn attivitajiet li jinvolvu jew iħeġġu skambji diretti ben ċittadini Ewropej permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom f'attivitajiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet. Proġett irid jinvolvi muniċipalitajiet minn tal-anqas 2 pajjiżi parteċipanti, li mill-anqas wieħed minnhom irid ikun Stat Membru tal-UE. Il-proġett irid ikollu minimu ta' 25 parteċipant internazzjonali ġejjin mill-muniċipalitajiet mistiedna, b'mill-anqas 5 parteċipanti minn kull muniċipalità mistiedna. It-tul massimu tal-laqgħa huwa ta' 21 ġurnata. L-għotja massima li tista' tingħata hija ta' EUR 22 000 għal kull proġett. Jista' japplika massimu ta' EUR 40 000 għal kull proġett jekk jipparteċipaw tal-anqas 10 ibliet fil-proġett. L-inqas għotja li tingħata hija ta' EUR 2 500.

L-għotjiet għal-laqgħat taċ-ċittadini ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet huma mmirati biex jikkofinanzjaw l-ispejjeż organizzattivi tal-belt ospitanti u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-parteċipanti mistiedna. Il-kalkolu tal-għotja huwa bbażat fuq rati fissi.

Miżura 1.2. Netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ

Din il-miżura tappoġġja l-iżvilupp ta' netwerks maħluqa fuq il-bażi ta' rabtiet ta' ġemellaġġ bejn l-ibliet, li huma importanti sabiex jassiguraw kooperazzjoni strutturata, b'saħħita u komprensiva bejn il-muniċipalitajiet, u għaldaqstant sabiex jikkontribwixxu biex jiġi massimizzat l-impatt tal-Programm. Proġett irid jipprevedi mill-anqas 3 avvenimenti. Huwa jrid jinvolvi muniċipalitajiet minn tal-anqas 4 pajjiżi parteċipanti, li mill-anqas wieħed minnhom ikun Stat Membru tal-UE. Il-proġett irid ikollu minimu ta' 30 parteċipant internazzjonali ġejjin mill-muniċipalitajiet mistiedna. It-tul massimu ta' proġett huwa ta' 24 xahar; it-tul massimu ta' kull avveniment huwa ta' 21 ġurnata.

L-ammont massimu eliġibbli għal proġett taħt din il-miżura huwa ta' EUR 150 000. L-inqas ammont eliġibbli huwa ta' EUR 10 000. Il-kalkolu tal-għotja huwa bbażat fuq rati fissi.

Miżura 2 “Proġetti taċ-ċittadini” u “Miżuri ta' appoġġ”

Miżura 2.1. Proġetti taċ-ċittadini

Din il-miżura tindirizza sfida ewlenija tal-Unjoni Ewropea llum: kif tressaq liċ-ċittadini u lill-Unjoni Ewropea eqreb lejn xulxin. Hija timmira li tesplora metodoloġiji oriġinali u innovattivi li kapaċi jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u jstimulaw id-djalogu bejn iċ-ċittadini Ewropej u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Proġett irid jinvolvi mill-anqas 5 pajjiżi parteċipanti, li tal-anqas wieħed minnhom irid ikun Stat Membru tal-UE. Proġett irid jinvolvi mill-anqas 200 parteċipant. It-tul massimu ta' proġett huwa 12-il xahar.

⁽¹⁾ Is-27 Stat Membru tal-UE: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Germanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Isvetja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija.

L-ammont tal-għotja se jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni bbilanċjat u dettaljat, espress f'Euro. Is-somma mogħtija ma tistax taqbeż 60 % tal-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli tal-proġett. L-inqas għotja se tkun EUR 100 000. L-għotja massima eliġibbli għal proġett taħt din il-miżura hija ta' EUR 250 000.

Miżura 2.2. Miżuri ta' appoġġ

Din il-miżura hija strument biex tiżviluppa l-kwalità tal-proġetti sottomessi fl-ambitu tal-Azzjoni 1 "Ċittadini Attivi għall-Ewropa". Hija tappoġġja l-iskambju ta' esperjenzi, kompetenza esperta u Prattika tajba, kif ukoll attivitajiet li jistgħu jwasslu għall-istabbiliment ta' sħubijiet u networks li jdumu.

Proġett irid jinvolvi mill-anqas 2 pajjiżi parteċipanti, li tal-anqas wieħed minnhom irid ikun Stat Membra tal-UE. It-tul massimu huwa 12-il xahar. Iridu jkunu previsti mill-anqas 2 avvenimenti għal kull proġett.

L-ammont tal-għotja se jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' baġit ta' previżjoni dettaljat u bbilanċjat, espress f'euro. L-għotja ma tistax taqbeż rata massima ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni kkonċernata. L-inqas għotja eliġibbli hija ta' EUR 30 000. L-għotja massima eliġibbli għal proġett fl-ambitu ta' din il-miżura hija ta' EUR 100 000.

Azzjoni 2 Soċjetà ċivili attiva fl-Ewropa

Miżura 3: Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

L-għan ta' din il-miżura huwa li ssostni proġetti konkreti promossi minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ġejjin minn pajjiżi parteċipanti differenti. Dawn il-proġetti għandhom jissensibilizzaw dwar kwistjonijiet ta' interess Ewropew u jikkontribwixxu għall-fehim reċiproku tal-kulturi differenti u għall-identifikazzjoni tal-valuri komuni permezz ta' kooperazzjoni fuq livell Ewropew.

Il-proġett irid jinvolvi tal-anqas 2 pajjiżi parteċipanti, li mill-anqas wieħed minnhom irid ikun Stat Membra tal-UE. It-tul massimu tal-proġetti huwa ta' 12-il xahar.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti, li jikkorrispondu għal approċċi differenti u li għalihom japplikaw regoli speċifiċi:

- (a) baġit ibbażat fuq rati fissi għall-"proġetti ta' awenimen";
- (b) baġit ibbażat fuq l-ispejjeż reali għall-"proġetti ta' produzzjoni u realizzazzjoni": L-għotja mitluba f'dak il-każ ma tistax taqbeż 60 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni kkonċernata. L-għotja massima hija ta' EUR 55 000. L-inqas għotja eliġibbli hija ta' EUR 10 000.

Azzjoni 4 Tifkira Ewropea Attiva

L-għan tal-proġetti appoġġjati fl-ambitu ta' din l-azzjoni huwa li jżommu ħajja t-tifkira tal-vittmi tan-Nazziżmu u tal-Istaliniżmu u li jtejbu l-għarfien u l-fehim tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri dwar dak li seħħ fil-kampijiet u siti oħra ta' qerda tal-massa, u r-raġuni għaliex.

It-tul ta' żmien massimu ta' proġett huwa ta' 12-il xahar.

L-għotja tista' tiġi kkalkulata bl-użu ta' żewġ metodi differenti:

- (a) baġit ibbażat fuq rati fissi u somma f'daqqa għall-"proġetti ta' aweniment";
- (b) baġit ibbażat fuq l-ispejjeż reali għall-"proġetti ta' produzzjoni u realizzazzjoni": L-għotja mitluba il-każ ma tistax taqbeż 60 % tal-ispejjeż eliġibbli tal-azzjoni kkonċernata. L-għotja massima hija ta' EUR 55 000. L-inqas għotja eliġibbli hija ta' EUR 10 000.

IV. Kriterji tal-għoti

Kriterji kwalitattivi (80 % tal-punti disponibbli):

- rilevanza tal-proġett għall-oġettivi u l-prijoritajiet tal-Programm (25 %),
- rilevanza tal-proġett u tal-metodi proposti (25 %),
- impatt (15 %),
- viżibilità u segwitu (15 %).

Kriterji kwantitattivi (20 % tal-punti disponibbli):

- impatt ġeografiku (10 %),
- grupp fil-mira (10 %).

V. Baġit**Baġit previst tal-2010 għall-azzjonijiet li ġejjin**

Azzjoni 1 Miżura 1.1.	Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet	EUR 7 000 000
Azzjoni 1 Miżura 1.2.	Netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ	EUR 5 165 000
Azzjoni 1 Miżura 2.1.	Proġetti taċ-ċittadini	EUR 1 500 000
Azzjoni 1 Miżura 2.2.	Miżuri ta' appoġġ	EUR 1 535 000
Azzjoni 2 Miżura 3	Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili	EUR 3 400 000
Azzjoni 4	Tifkira Ewropea Attiva	EUR 1 800 000

VI. Skadenzi għall-applikazzjonijiet

Azzjonijiet		Skadenza għas-sottomissjoni
Azzjoni 1 Miżura 1.1.	Laqgħat taċ-ċittadini dwar ġemellaġġ bejn l-ibliet	1 ta' Frar 1 ta' Ġunju 1 ta' Settembru
Azzjoni 1 Miżura 1.2.	Netwerking tematiku bejn bliet imsieħba f'ġemellaġġ	1 ta' Frar 1 ta' Settembru
Azzjoni 1 Miżura 2.1.	Proġetti taċ-ċittadini	1 ta' Ġunju
Azzjoni 1 Miżura 2.2.	Miżuri ta' appoġġ	1 ta' Ġunju
Azzjoni 2 Miżura 3	Appoġġ għal proġetti mibdija minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili	15 ta' Frar
Azzjoni 4	Tifkira Ewropea Attiva	30 ta' April

Jekk 1-iskadenza għas-sottomissjoni taħbat is-Sibt, il-Ħadd jew fi btala pubblika fil-pajjiż tal-applikant, ma tingħata l-ebda estensjoni, u dan għandu jitqies mill-applikanti fl-ippjanar tas-sottomissjoni tagħhom.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f'dan 1-indirizz:

EACEA

Unit P7 Citizenship

Applications — 'Town Twinning Citizens' Meetings'

Avenue du Bourget 1 (BOUR 01/17)

1140 Bruxelles/Brussels

BELGIQUE/BELGIË

Jiġu kkunsidrati esklussivament proposti sottomessi billi tintuża l-formola tal-applikazzjoni uffiċjali mimlija kif support u ffirmata mill-persuna awtorizzata biex tidħol f'impenn ġuridiku fisem 1-applikant.

Applikazzjonijiet mibgħuta b'faks jew direttament bil-posta elettronika mhux ser jiġu eżaminati.

VII. Aktar informazzjoni

Il-kundizzjonijiet dettaljati għas-sottomissjoni ta' proposti għall-proġetti u l-formoli tal-applikazzjonijiet huma disponibbli fil-Gwida għall-Programm "Ewropa għaċ-Ċittadini" fuq is-siti web li ġejjin:

Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura:

http://ec.europa.eu/citizenship/index_en.html

Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura:

http://eacea.ec.europa.eu/citizenship/index_en.htm